EUROPA TOURS

10t'ijiem

# England, Scotland & Wales

## The Royal Edinburgh Military Tattoo

**Gruppi A:** 01-10 t'Awwissu **B:** 18 – 27 t'Awwissu

**Inżuru: London, Lake District, Chester, Snowdonia, Glasgow, Llandudno, Scottish Highlands, Blackpool, Stratford Upon Avon, Edinburgh, The Royal Edinburgh Military Tattoo Show…**

### L-Ewwel Jum

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.15 mat-tour leader għat-titjira KM100 li ttir fis- 07.15 u tasal fl-ajruport ta' Heathrow fl-09.45. Transfer bil-kowċ lejn il-belt sabiħa ta' **Chester** iżda qabel nieqfu **Stratford Upon Avon** fejn twieled il-famuż **William Shakespeare**. Nieqfu għal sightseeing u ħin għall-ikel (extra). Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Chester – belt mdawra bi swar li tinsab max-xmara Dee. Check -in f' **the Queen Chester Halmark Hotel 4*. Ċena fil-hotel.**

### It-Tieni Jum

Wara li nieħdu English breakfast, eskursjoni ta' ġurnata ġewwa **Llangollen** fejn se nżuru **Snowdonia National Park u Llandudno**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġo Snowdonia fejn ingawdu xenarju mill-isbaħ ta' muntanji, għoljiet, widien, u kastelli. Inkomplu l-eskursjoni tagħna lejn Llandudno post maġenb il-baħar. Hemmhekk nagħmlu waqfa għal sightseeing. Nirritornaw lura l-lukanda għaċ-**ċena.**

### It-Tielet Jum

Inħallu l-belt ta' Chester u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Glasgow** imma qabel inżuru il-**Lake District** u nagħmlu waqfa ġewwa **Windermere**. Min irid, jekk it-temp ikun jippermetti, jista' jmur boat trip (extra). Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Glasgow. Akkomodazzjoni ġewwa **Hotel Yotel 4*** fiċ-ċentru ta' Glasgow,sistemazzjoni tal-kmamar. Wara ċ-**ċena** ħarġa mal-leader biex ingawdu din il-belt.

### Ir-Raba' Jum

Eskursjoni ta' ġurnata fi **Scottish Highlands**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa **Loch Lomond** -wieħed mill-iżjed lagi famużi fir-Renju Unit. Ix-xenarju pittoresk ma jaqta' xejn sa ma naslu **Loch Katrine** li tinsab fil-qalba ta' **Trossachs**. Din l-erja hi famuża għall-ġmiel naturali tagħha u t-trankwillità. Nirritornaw lura l-lukanda għaċ-**ċena**. Wara min irid jista' jmur għal bibita f'wieħed mill-pubs sbieħ li nsibu hawn.

### Il-Ħames Jum

Wara li nieħdu Scottish breakfast, ħarġa mal-leader biex ingawdu l-belt ta' **Glasgow** u naraw postijiet ta'interess. Wara nofsinhar ikollna dawra fil-belt sabiħa ta' **Edinburgh** fejn naraw postijiet ta' interess bħal Scott Monument, Edinburgh Castle, Mile End Road, Holyrood Palace eċċ … Ħin liberu u wara nattendu għall-**The Royal Edinburgh Military Tattoo Show** fejn naraw il-BT Display Dance, Massed Pipes, Drums eċċ**… (biljett inkluż u garantit).** Nirritornaw lura l-lukanda.

### Is-Sitt Jum

Inħallu l-**Iskozja** b'ħafna memorji sbieħ u nitilqu lejn ir-riżort ta' **Blackpool,** iżda qabel nieqfu **Gretna Green** fejn nassistu għat-tieġ li jsir fil-**Blacksmith Shop** madwar l-inkwina tal-ħadid (**dħul extra**). Inkomplu l-vjaġġ lejn **Blackpool** - akkomodazzjoni ġewwa l-**Imperial Hotel 4***. Wara ċ-**ċena** ħarġa mal-leader.

### Is-Seba' Jum

English breakfast,u jkollna ħarġa mal-leader biex ingawdu dan ir-riżort tant sabiħ. Inżuru l-mollijiet, il-fun fair u l-famuż **Blackpool Tower**. Fuq dan it-torri nsibu restorants, coffee shops, games room, ballroom dancing u mitt ħaġa oħra. Inkomplu lejn shopping centre b'ħafna stabbilimenti kbar fejn issibu dak kollu li tridu bi prezzijiet irħas. Wara ċ-ċena mmorru għal bibita.

### It-Tmien Jum

Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Londra,** il-belt kapitali tal-Ingilterra. Mal-wasla tagħna fil-**Hotel St Giles** fiċ-ċentru tal-belt issir s-sistemazzjoni tal-kmamar.Ħarġa mal-leader biex nibdew naraw postijiet ta' interess.

**Id-Disa' Jum**
Illum ġurnata libera iżda għal min irid jingħaqad mat-tour leader biex inżuru **Madame Tussaude Wax Museum** (dħul extra) u postijiet oħra ta' interess. Wara jkollna ħin liberu għal shopping jew personal sightseeing.

**L-Għaxar Jum**
Breakfast. Aktar tard ser ikollna **'London city tour'** bil-kowċ u gwida tal-lokal biex naraw postijiet ta' interess bħal Big Ben, Westminster Abbey, Buckingham Palace, St. Paul's Cathedral, Trafalgar Square u Tower of London. Għall-ħabta tal-4.30pm tluq lejn l- ajruport ta' Heathrow għat-titjira KM107 li ttir fit-19.05 u tasal Malta fis-23.25.

**Prezz kull persuna:**
**Eskursjonijiet, Half board* u taxxi mħallsa**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €2'180 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €2'190 |
| Kamra ta' persuna waħda | €2'790 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €1'850 |

- ETA (UK Entry permit ) Mhux Inkluża

**Il-Prezz jinkludi:**

- Titjira mal-KM Malta Airlines għal Heathrow
- 20Kg Check in Luggage + hand Luggage
- 9 iljieli - Hotels skont il-programm
- 4 Stars hotels ġo Chester,Glasgow,Blackpool
  3 Stars hotel ġo Londra
- English Breakfast
- *Half Board – 6 ikliet skond il-program
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
  (entraturi, dgħajjes eċċ mhux inklużi)
- Biljett tad-dħul tar-Royal Edinburgh Military Tattoo show
- Taxxi tal-ajruport u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

